MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1033/2003

**Josette Attard**

**Vs**

**Anthony Said**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm746.88c) rapprezentanti danni minnha subiti fil-vettura Peugeot 205 bin-numru ta' registrazzjoni AAJ 295 li hija kienet qieghdha ssuq f'Haz Zebbug fl-14 t'Awissu, 2002 meta giet milqghuta minn trakk Iveco bin-numru ta' registrazzjoni BBI 297 misjuq mill-konvenut.

Ra r-Risposta pprezentata mill-konvenut li fiha eccepixxa li t-talbiet attrici huma kkontestati billi huma nfondati fil-fatt

u fid-dritt u ghaliex il-konvenut ma jahtix ghall-incident li sehh u li l-attrici m'ghandhiex interess fit-talba taghha u dan kif ser jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza.

Ra x-xhieda traskritta ta' Marika Balzan u sema' x-xhieda ta' Anthony Said u ta' l-attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-kollizjoni sehhet mar-roundabout qabel ma tidhol Haz Zebbug. Iz-zewg sewwieqa kienu gejjin min-naha ta' Hal Qormi u kif waslu fejn ir-roundabout l-attrici, li kienet waslet qabel u kienet fl-*outer lane* waqfet u ftit wara waslet il-vettura ossija t-trakk misjuq mill-konvenut li kien fuq il-lane ta' gewwa. T-tnejn li huma kienu qieghdin iduru mar-roundabout u f'hin minnhom iz-zewg vetturi habtu, fis-sens illi l-kollizjoni sehhet bejn il-genb tax-xellug tal-vettura ta' l-attrici mar-rota (jew ta' quddiem jew ta' wara) tat-trakk tal-konvenut. Iz-zewg partijiet m'humiex qieghdin jaqblu ma' kif sehh l-incident.

Mir-rapport tal-pulizija z-zewg sewwieqa jidhru li qalu hekk:

Car no. AAJ 296 (L-attrici):

"Kont qed indur mar-roundabout, man-naha tar-roundabout sabiex immur lejn ir-Rabat u t-trakk ghafas fuqhi bil-konsegwenza li qabadni bit-tyres u gibidli l-genb kollu."

Car no. BBI 297 (Il-konvenut):

"Kont qed indur mar-roundabout fuq in-naha tax-xellug tal-vettura l-ohra sejjer lejn ir-Rabat u hbattna."

Bhala *property damaged* il-vettura misjuqa mill-attrici kellha l-genb kollu tax-xellug danneggjat izda fir-rigward tal-vettura tal-konvenut ma kienx hemm hsara.

L-attrici xehdet illi meta hija waslet mar-roundabout waqfet u kif ikklerja t-traffiku hija bdiet iddur mar-roundabout u:

“F’daqqa wahda gie trakk kbir tal-gebel biex jaqbizni u gie jaqbizni fuq in-naha ta’ barra cjoe’ fuq in-naha tax-xellug tieghi ……………… u pprova jaqbizni u hemmhekk ma kienx hemm minn fejn jista’ jdur u l-karozza tieghi qabadha bir-rota ta’ wara tieghu u gibidha u barax il-karozza tieghi minn quddiem, pero’ gibidha ghal certu distanza u fil-fatt ix-xufier tal-karozza l-ohra waqaf mhux ghax induna bl-incident imma ghax faccata ta’ fejn kien qed isuq hemm *take-away* u hargu n-nies ighidulu biex jieqaf.”
L-attrici xehdet ukoll illi qabel l-incident hija ma kienetx rat il-vettura l-ohra izda kkonfermat illi kienet il-vettura l-ohra li kienet taqbez lilha u mhux hi qed tipprova taqbez lill-vettura l-ohra. Fuq kontro-ezami hija giet mistoqsija jekk kienetx qed tipprova tidhol bejn it-trakk u r-roundabout izda hija cahdet dan u regghet ikkonfermat li l-vettura taghha ntlaqtet bir-rota ta’ wara tat-trakk.

Flimkien ma’ l-attrici kien hemm Marika Balzan. Hija ftakret illi qabel ma qabdu r-roundabout kien hemm trailer li gie minn warajhom u huma u jduru mar-roundabout it-trailer baqa’ diehel fuq il-karozza misjuqa mill-attrici u l-hsara fil-vettura taghha kienet <u>mill-parti ta’ wara sa quddiem</u> u li l-vettura ta’ l-attrici tkaxkret bid-daqqa “anzi nghid li t-trailer kaxkarna.”

Il-konvenut xehed illi huwa kien qed idur mar-roundabout bl-intenzjoni li jaqbad it-triq li taghti ghar-Rabat u li huwa u jdur il-karozza l-ohra ppruvat tghaddi minn bejnu u bejn ir-roundabout u laqtet il-*hub* tar-rota ta’ quddiem fin-naha tal-lemin. Huwa qal li fil-vettura tieghu l-hsara kienet fil-*hub cap* tar-rota ta’ quddiem. Il-vettura tieghu hija *left hand drive* u qal li hu u jdur hares fil-mera fuq in-naha l-ohra, jigifieri fin-naha tal-lemin, u ra l-karozza l-ohra mad-

daqqa u ra li din qed tipprova taqalghu. Imbaghad zied ighid illi malli habtet huwa waqaf.

It-Tribunal jidhirlu illi tenut kont tal-verzjonijiet li z-zewg sewwieqa taw lis-Surgent dak il-hin ta' l-incident, tenut kont ta' kif spiccaw il-vetturi kif rifless fl-i*sketch* maghmul mill-pulizija u l-hsarat indikati fuq il-vetturi huwa evidenti illi kienet il-vettura tal-konvenut li qed tissurpassa l-vettura ta' l-attrici u mhux vice versa.
Il-vettura tal-konvenut spiccat aktar 'il quddiem mill-vettura ta' l-attrici u inoltre l-hsara fil-vettura ta' l-attrici hija ghat-tul tal-genb. Il-vettura ta' l-attrici spiccat wara l-vettura tal-konvenut. Wiehed jistaqsi kif jista' jkun li l-vettura ta' l-attrici kienet qieghdha tissurpassa l-vettura tal-konvenut u fil-fatt spiccat warajha u mhux quddiemha? Kieku kien kif qed ighid il-konvenut, kien impossibli li l-vettura ta' l-attrici jkollha l-hsara fil-parti ndikata fl-i*sketch* u tispicca wara l-vettura tal-konvenut.

It-Tribunal jidhirlu illi mill-provi prodotti hija aktar vero simili x-xhieda moghtija mill-attrici u minn Marika Balzan u kif anke rifless mir-rapport tal-pulizija illi fil-fatt fil-mument ta' l-impatt l-attrici kienet gja qieghdha ddur mar-roundabout u kienet qieghdha ssuq bil-mod u li l-konvenut li kien qed isuq *six wheeler trailer left hand drive* mghobbi u kien ukoll qed idur min-naha tax-xellug ta' l-istess vettura u qed jipprova jissurpassa min-naha ta' gewwa. F'dan il-mument ta' surpass il-konvenut lanqas biss intebah li laqghat il-vettura ta' l-attrici u kkawzala hsara u kien biss meta giet atterata l-attenzjoni tieghu minn nies li kienu fl-inhawi li huwa waqaf. Dan jispjega ghaliex il-vetturi spiccaw fil-pozizzjoni kif spiccaw u t-Tribunal ma tantx jemmen li l-konvenut kien ra l-kollizjoni ssir ghaliex certament il-vetturi ma kienux jispiccaw wieqfa f'dik il-pozizzjoni.

Tenut kont ta' dan, huwa ghalhekk evidenti illi l-kawza prossima tal-kollizjoni kien is-sewqan skonsiljat tal-konvenut li kien qed jaghmel manuvra ta' surpass min-naha tax-xellug fuq roundabout meta huwa kien qed isuq vettura kbira u goffa li ma tantx kienet facilment manigibbli. Hu jdur irristringa l-ispazju bejnu u r-

roundabout u  b'hekk qabad il-vettura ta' l-attrici u sehhet il-kollizjoni li ghaliha huwa unikament responsabbli.
Ghar-rigward tal-*quantum*, mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda ta' Josette Attard jirrizulta li hallset sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27) ghall-kiri ta' karozza, erba' mija u lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm401.88c) parts u tlett mija u hamsa w erbghin lira Maltin (Lm345) panel-beating.  Dawn l-ammonti jissuperaw l-ammont mitlub fil-kawza li saret ghall-ammont ta' seba' mija u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm746.88c) u konsegwentement it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fl-ammont ta' seba' mija u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm746.88c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm746.88c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------